**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Marzu, 2019**

Numru 12

**Rikors Nru. 145/2019**

**Fl-atti tal-Mandat Ezekuttiv ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar 'il fuq minn ghaxar metri numru 998/2018 fl-ismijiet**

**Dr Marlon Borg kif debitament awtorizzat bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Jebmed SRL**

**vs**

**'MV Bright Star' gia Trading Fabrizia bin-numru tal-IMO 9481960**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bastiment tal-15 ta' Frar, 2019 sabiex jigi revokat il-mandat fuq imsemmi a bazi tal-artikolu 281 tal-Kap. 12;

Rat ir-risposta tas-socjeta Jebmed SRL li issottomettiet li tali talba ghandha tigi michuda;

Rat l-atti u semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Din it-talba ghar-revoka tal-mandat ezekuttiv 998/2018 saret ftit granet li wara talba ohra ghar-revoka tal-istess mandat giet michuda mil-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar 2019. F'dan ir-rikors qed isiru sottomissjonijet b'referenza ghar-revoka tal-mandat li facilment setghu saru fl-ewwel talba ghar-revoka ghax jirrigwardaw fatti li kienu gia jirrizultaw. Hi l-fehma tal-Qorti illi talba ghal revoka ta' mandat ma ghandhiex issir b'mod kapriccuz jew abusiv tas-sistema guridika izda ghal ragunijiet li verament jindirizzaw mankanza serja li ghaliha hi mehtiega r-revoka.

Maghdud dan il-Qort tqis li ma hemm xejn li jimpedixxi rikorrenti milli jressaq talba ghal revoka ta' mandat sussegwenti ghal talba ohra li giet michuda fejn ic-cirkostanzi jimmeritaw dan u fejn ir-ragunijiet huma differenti minn dawk gia decizi precedentement.

Ir-rikorrenti jsostni li s-socjeta Jebmed qua kreditur naqset milli tindika s-somma fuq il-mandat ta' arrest ezekuttiv dovuta bis-sahha tat-titolu ezekuttiv kif jipprovdi l-artikolu 274 tal-Kap. 12. Ghalkemm dan l-ilment tqajjem mir-rikorenti fir-rikors ghar-revoka 653/2018 din il-kwistjoni ma gietx indirizzata u deciza mill-Qorti u anqas tqajmet quddiem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-8 ta' Frar 2019. Il-Qorti tqis li ghandha tindirizzaha. Kif qalet ben tajjeb is-socjeta intimata l-mandat ezekuttiv ta' arrest ghal bcejjec tal-bahar hu regolat specifikament bl-artikolu 388c tal-Kap. 12 li jirreferi ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 858 u 860 u l-artikolu 860 jindika l-elementi mandatorji ghal validita tieghu fejn l-ammont mhux indikat bhala wiehed mill-elementi li minghajrhom il-mandat ikun null. Hu minnu li l-artikolu generali 274(2) tal-Kap. 12 jesigi li l-kreditur jindika s-somma dovuta in virtu tat-titolu ezekuttiv. Madankollu fil-mandat innifsu t-titolu jirrizulta b'mod car mill-ipoteka navali anness mal-istess mandat li fih hemm indikat l-ammont massimu kopert bl-ipoteka navali li giet reza ezegwibbli bl-ittra ufficjali mehtiega kontra d-debitur is-socjeta Capitalease datata 23 ta' Frar 2017 fejn intalab il-hlas tas-somma indikata fl-istess ittra ufficjali annessa mal-mandat ukoll. Di piu tant kienet cara s-somma pretiza li r-rikorrenti qatt ma iddisputaha tant li iddepozita s-somma biex jehles lil vapur mill-mandat ta' arrest bla pregudizju ghad-drittijiet tieghu in konnessjoni mal-validita tal-mandat innifsu. Ghalhekk il-Qorti tqis illi din il-pregudizjali ma iggibx in-nullita tal-mandat.

Ir-rikorrenti jsostni wkoll illi d-debitur ma giex notifikat skond il-ligi biex it-titolu ezekuttiv jigi rez ezegwibbli skont l-artikolu 256(2) tal-Kap. 12. Din is-sottomissjoni qed issir peress illi wara li saret l-ittra ufficjali fit-23 ta' Frar 2017 kontra d-debitur Capitalease li irrendiet l-ipoteka navali ezegwibbli, il-vapur proprjeta tal-debitur inbiegh lil terzi fil-Jamaica b'subbasta tal-Qorti tal-Jamaica u s-sid il-gdid cioe Bluefin Marine Limited ma giex notifikat bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li kellu l-kreditur qabel inhareg il-mandat ta' arrest tal-vapur meta dan kien Malta kif intqal wara li nbiegh b'irkant gudizjarju fil-Jamaica. Dak li sehh fil-fehma tal-Qorti hi sitwazzjoni eccezzjonali u anomala ghall-ahhar.

Hu indubitat illi l-ipoteka navali tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234.

L-ipoteka navali fuq il-vapur tas-socjeta Capitalease f'dan il-kaz giet kostitwita f'Malta fejn hu registrat il-vapur biex tkopri ftehim ta' kreditu moghti mis-socjeta Jebmed (qua kreditur) lis-socjeta Capitalease (qua debitur) ai termini tal-artikolu 38(1) tal-Kap. 234. L-artikolu 42 imbaghad iqis is-sitwazzjoni fejn id-debitur jonqos milli jottempera ruhu mal-obbligi msemmija kemm fl-ipoteka nfisha jew l-ftehim u/jew dokumenti li ghalihom hemm referenza fl-istess ipoteka. Il-ligi issostni li wara li d-debitur jigi notifikat bin-nuqqas, il-kreditur fost rimedji ohra jista' jbiegh il-vapur li fuqu hi registrata l-ipoteka (art. 42(1)(b) tal-Kap. 234). F'dan il-kaz is-socjeta Jebmed intimat lis-socjeta Capitalease bin-nuqqas (default) li irrendiet l-ipoteka navali qua titolu ezekuttiv ezegwibbli bl-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 2017.

Dak li sehh sussegwentement ghal formalita necessarja biex tigi resa ezegwibbli l-ipoteka navali kostitwita kontra d-debitur Capitalease hu illi meta l-vapur kien fil-Jamaica, inhareg kontrih mandat ta' arrest mis-socjeta Jebmed u inbiegh b'ordni tal-Qorti fil-Jamaica lil Bluefin Marine Limited bhala liberu u frank. Din l-istess dicitura hi wkoll uzata fil-ligi Maltija fil-proviso tal-artikolu 37D(1) tal-Kap. 234 fejn jinghad li kemm-il darba vapur jinbiegh b'subbasta fuq ordni tal-Qorti bhala liberu u frank id-drittijiet tal-kreditur ipotekarju ma jibqghux jigu ezercitati fuq il-vapur izda fuq ir-rikavat u d-drittijiet tal-istess kreditur ma jistghax jibqghu jigu ezercitati fuq il-vapur.

Jidher li l-kreditur ipotekarju, darba li nbiegh il-vapur fil-Jamaica ma rnexxilux isarraf il-kreditu tieghu fuq ir-rikavat. Fil-proceduri odjerni, ir-raguni mhix rilevanti izda tista' tassumi rilevanza fi proceduri ohra, u ghalhekk isostni li jibqa' japplika l-principju generali li ipoteka navali tibqa' marbuta mal-vapur sakemm tigi mhallsa (art. 37D(1) tal-Kap. 234).

Il-vapur gie Malta u gie kolpit bil-mandat ta' arrest odjern 998/2018 in forza tat-titolu ezekuttiv (l-ipoteka navali) reza ezegwibbli bl-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 2017. Din il-Qorti issib illi hemm nuqqas procedurali li jrendi dan il-mandat invalidu. Meta saret l-ittra ufficjali fl-2017 din saret kontra d-debitur tal-obbligazzjoni li rabat il-vapur bhala garanzija ghal hlas jekk jonqos mill-jottempora ruhu mal-ftehim li bih giet krejata l-ipoteka.

Jekk il-kreditur ipotekarju qed jenforza t-titolu ezekuttiv irid per forza jenforzah kontra min illum qed iqis li ghadu marbut bl-istess garanzija u konsegwentement dak akkollat bid-debitu li in forza tieghu inharget l-ipoteka navali. La darba l-istess kreditur isostni li l-ipoteka navali, la darba ghadha mhix sodisfatta bil-hlas tal-kreditu dovut lilu, ghadha shiha u mhix mittiefsa u jista' jinforzaha kontra min illum hu s-sid tal-vapur, li pero irid jinghad xtrah liberu u frank bis-subbasta fuq ordni tal-Qorti tal-Jamaica, irid isegwi l-procedura idoneja biex irendi ezegwibbli l-ipoteka navali kontra dak li illum qed isostni hu responabbli ghal hlas cioe Bluefin Marine Limited peress li l-hlas tal-kreditu in prattika qed jintalab minghand din is-socjeta permezz tal-vapur proprjeta taghha. Jekk xejn il-principju tal-gustizzja naturali jesigi li l-istess socjeta tigi notifikata bl-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 256 biex ikollha l-opportunita tirregola ruhha. Il-Qorti tiehu spunt minn dak li kiteb il-Professur J. M. Ganado fl-artikolu tieghu *Jurisdiction and Actions by Mortgages* (Id-Dritt 1977) li ghalkemm kien qed jitkellem fuq azzjonijiet in rem pero l-Qorti tqis hu applikabbli anki fi proceduri ta' mandat kontra ir-res cioe il-vapur. Hu qal hekk:

> *The majority of actions in rem are meant for the enforcement of obligations and according to the traditional classification of actions are infact personal actions* u dan ghaliex ghalkemm il-procedura in rem *is a proceeding against a res, the purport of the proceeding is largely percieved as a procedural device by which to coerce a res owner to enter an appearance to an action, as a means of providing security in respect of the claim advance* u li din l-

> azzjoni ... *was not based upon the wrongdoing of the ship personified as an offender, but as a means of bringing the owner of the ship to meet his personal liability by seizing his property*.

Il-kamp marittimu ghandu jkollu c-certezza sostanzjali u procedurali biex ma jkun hemm sitwazzjonijiet li jipperikola l-kummerc marittimu specjalment dak Malti li hu rinomat ghall-efficjenza u certezza ta' dritt li jipprovdi.

Il-Qorti ghalhekk tqis li l-mandat mitlub u mahrug mis-socjeta Jebmed kien intempestiv billi hemm nuqqas procedurali fis-sens illi l-ittra ufficjali biex tirrendi l-ipoteka navali ezegwibbli kienet nieqsa mill-formalita essenzjali rikjesta cioe li jigi notifikat sid-il-bastiment qua dak responabbli ghal hlas tal-kreditu dovut llil Jebmed kopert bl-ipoteka navali marbuta mal-vapur, illum proprjeta ta' Bluefin Marine Limited.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' it-talba ta' MV Bright Star u tirrevoka l-mandat ta' arrest ezekuttiv 998/2018, spejjez ghas-socjeta Jebmed SRL.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur